**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 17/11VG**

**xxx**
**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 11 ta' Jannar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fit-13 ta' Novembru 2007, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu kkancellati stante li l-ebda taxxa ma hija minnu dovuta peress illi d-dhul tieghu ghas-snin in kwistjoni kien kif minnu dikjarat fid-denunzji tat-taxxa relattivi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 11 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjonijiet tieghu tas-16 ta' Awwissu 2007, l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jimmeritaw konferma;

Sema' x-xhieda ta' George Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2012[1] u tat-12 ta' April 2012[2] u ra id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB12" a fol. 38 sa' 105 tal-process, sema' x-xhieda ta' Emanuel Pace moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2013[3], tal-21 ta' Marzu 2014[4] u tat-28 ta' April 2014[5] u ra d-

[1] Fol. 34 sa' 36 tal-process.
[2] Fol. 106 sa' 110 tal-process.
[3] Fol. 114 sa' 116 tal-process.

dokumenti markati Dok. "MP1" sa' Dok. "MP3" a fol. 148 sa' 154 tal-process, ra l-affidavit tar-Rikorrent esebit permezz ta' Nota ipprezentata fit-22 ta' April 2013 a fol. 118 sa' 120 tal-process, sema' x-xhieda ta' Jason Ciantar moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju 2013[6] u x-xhieda tat-Tabib Dr. Peter Fenech moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013[7] u ra d-dokument esebit mit-Tabib Fenech markat Dok. "PF" a fol. 130A tal-process, ra d-dokument, ossia skrittura privata datata l-1 ta' Novembru 2000 esebita mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Jannar 2014, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Marzu 2014[8] u tat-30 ta' Ottubru 2014[9], ra l-affidavit ta' Michèle Xuereb u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "DGTI1" sa' Dok. "DGTI15" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-26 ta' Mejju 2014 a fol. 165 sa' 191 tal-process u sema' x-xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' l-Employment and Training Corporation moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2014[10] u tat-30 ta' Ottubru 2014[11] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JS1" a fol. 195 sa' 198 tal-process u Dok. "JS2" sa' Dok. "JS5" a fol. 202 sa' 207 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2015 a fol. 220 sa' 231 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi già Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fil-25 ta' Mejju 2015 a fol. 234 sa' 245 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 permezz ta' liema l-Kummissarju jesigi hlas ta' taxxa fl-ammonti ta' Lm1,875 (illum ekwivalenti ghal €4,367.58), Lm2,050 (illum ekwivalenti ghal €4,775.22), Lm2,552 (illum ekwivalenti ghal €5,944.56), Lm2,050 (illum ekwivalenti ghal €4,775.22) u Lm1,942 (illum ekwivalenti ghal €4,523.64) rispettivament oltre taxxa addizzjonali u interessi. Huwa jikkontendi li dawn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghandhom jigu ikkancellati stante li ma hija minnu dovuta l-ebda taxxa peress illi d-dhul tieghu kollu ghas-snin in kwistjoni kien kif minnu ddikjarat fid-denunzji ta' taxxa relattivi sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

[4] Fol. 142 u 143 tal-process.
[5] Fol. 155 sa' 163 tal-process.
[6] Fol. 122 sa' 126 tal-process.
[7] Fol. 128 sa' 130 tal-process.
[8] Fol. 135 sa' 141 tal-process.
[9] Fol. 212 sa' 214 tal-process.
[10] Fol. 199 u 200 tal-process.
[11] Fol. 215 sa' 219 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, da parte tieghu jikkontendi li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 ghandu jigi michud ghaliex ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjonijiet tieghu tas-16 ta' Awwissu 2007[12], ossia r-Rifjut ta' l-Oggezzjoni minn kull wahda minn dawn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fejn appuntu l-oggezzjonijiet gew rifjutati ghaliex *skond informazzjoni li ghandu d-dipartiment, int kellek dhul iehor barra l-Ghajnuna Socjali. Int inqast li tilhaq it-talba tad-dipartiment u tipproduci l-istatements tal-bank jew ittra ta' konferma mill-bank li m'ghandekx flus il-bank. Barra minn hekk ma wegibtx ghall-ittra ta' l-1 ta' Frar 2007 tad-dipartiment biex jintlahaq ftehim dwar l-oggezzjoni tieghek*, l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jimmeritaw konferma.

Mill-provi prodotti u senjatament mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa sottomessi mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004, jirrizulta li ghas-snin in kwistjoni r-Rikorrent ghamel is-segwenti dikjarazzjonijiet dwar id-dhul tieghu:

| | |
|---|---|
| Sena ta' stima 2000[13]: | Dhul minn sengha, negozju, professjoni ecc – 0<br>Pensjonijiet u beneficcji ta' sigurtà socjali – *amount not available check with D.S.S.* |
| Sena ta' stima 2001[14]: | Dhul minn sengha, negozju, professjoni ecc – Lm1,232<br>Pensjonijiet u beneficcji ta' sigurtà socjali – *in receipt of unemployment benefit – social assistance* |
| Sena ta' stima 2002[15]: | Dhul minn sengha, negozju, professjoni ecc – Lm1,030<br>Pensjonijiet u beneficcji ta' sigurtà socjali – Lm1,433 |
| Senta ta' stima 2003[16]: | Dhul minn sengha, negozju, professjoni ecc – Lm130<br>Pensjonijiet u beneficcji ta' sigurtà socjali – Lm30 fil-gimgha |
| Sena ta' stima 2004[17]: | Dhul minn sengha, negozju, professjoni ecc – 0<br>Pensjonijiet u beneficcji ta' sigurtà socjali – *Unemployment benefit (Relief)* |

In bazi ghal tali dikjarazzjonijiet ghas-snin ta' stima in kwistjoni r-Rikorrent ma hallas l-ebda taxxa stante li l-ammonti kif minnu dikjarati ma kienux jirrenduh suggett ghall-hlas tat-taxxa fuq l-*income*.

[12] Dok. "GB12" a fol. 101 sa' 105 tal-process.
[13] Dok. "GB1" a fol. 39 sa' 42 tal-process.
[14] Dok. "GB2" a fol. 43 sa' 47 tal-process.
[15] Dok. "GB3" a fol. 48 sa' 53 tal-process.
[16] Dok. "GB4" a fol. 54 sa' 58 tal-process.
[17] Dok. "GB5" a fol. 59 sa' 62 tal-process.

Minn investigazzjoni li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien qed jaghmel fir-rigward ta' terzi persuni, senjatament certu Alex Cassar, irrizulta li fl-1 ta' Frar 1999 kien inhareg cheque minn Alex Cassar a favur ir-Rikorrent fl-ammont ta' Lm4,000, liema cheque effettivament issarraf mir-Rikorrent[18]. Dan ic-cheque jew ahjar il-valur ta' Lm4,000 kien gie dikjarat minn Alex Cassar bhala spiza deducibbli ghall-finijiet ta' taxxa fuq id-dhul tieghu. Peress illi dan l-ammont ta' Lm4,000 ma kienx gie dikjarat mir-Rikorrent fid-denunzja tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2000 u peress illi minn investigazzjonijiet preliminari li ghamel id-Dipartiment fir-rigward tar-Rikorrent irrizulta li fl-2001 l-istess Rikorrent kien akkwista proprjetà ghall-valur ta' Lm6,000 u li kellu zewg karozzi ta' l-ghamla Ford Cortina u Ford Escort li nxtraw fl-1994, bil-Ford Escort tinbiegh fl-2005, kif ukoll vetturi ta' natura kummercjali ossia Ford Transit li gie akkwistat fl-2004 u li wara seba' xhur gie mibdul b' Tatamobile, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni beda verifika fil-konfront ta' l-istess Rikorrent ghall-fini li jigi stabbilit id-dhul reali tieghu tul is-snin bazi 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003.

Tul il-kors tal-verifika r-Rikorrent intalab jipproduci kotba tal-banek u statements kemm lokali kif ukoll barranin, rendikont dettaljat tad-dhul u hrug tieghu u kotba tan-negozju u dokumenti relatati. L-unika dokumentazzjoni attwalment sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien *statement of affairs as at 12/08/2005* u dokument mahrug mill-ETC dwar ir-*registration history* tar-Rikorrent. Peress illi d-Dipartiment baqa' ma rcieva l-ebda dokumentazzjoni ohra da parte tar-Rikorrent jew ir-rapprezentant tieghu Emanuel Pace, u bid-dokumentazzjoni disponibbli xorta baqa' tal-fehma li r-Rikorrent ma ddikjarax id-dhul tieghu kollu ghas-snin bazi 1999 sa' 2003, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni pproceda biex johrog Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 fuq il-bazi li r-Rikorrent kellu dhul taxxabbli ulterjuri ta' Lm10,000 ghal kull wahda mis-snin in kwistjoni.

Ir-Rikorrent oggezzjona ghall-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in bazi ghall-oggezzjoni li tul is-snin in kwistjoni huwa ma kellux dhul iehor ghajr l-Ghajnuna Socjali. Fl-istadju ta' l-oggezzjoni r-Rikorrent mill-gdid intalab jissottometti l-kotba u statements tal-banek kemm lokali kif ukoll barranin, rendikont dettaljat tad-dhul u hrug tieghu u l-kotba tan-negozju u dokumentazzjoni relatata. In segwitu ghal laqgha li nzammet bejn rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u r-rapprezentant tar-Rikorrent Emanuel Pace, fejn Emanuel Pace iddikjara li r-Rikorrent, ghad illi fiz-zmien kien jahdem bhala bajjad (plasterer) minhabba xi problemi li ghadda minnhom beda jixrob, spicca biex kellu problema ta' xorb u b'hekk waqaf jahdem u kull ma kien jaghmel kienu xi xogholijiet zghar kultant zmien meta kien ikollu bzonn ftit flus, l-istess Emanuel Pace intalab jossottometti wkoll konferma bil-miktub ta' dan kollu minghand ir-Rikorrent kif ukoll kopja

[18] Dok. "GB6a" a fol. 63 tal-process.

tal-kuntratt ta' l-akkwist tar-residenza tar-Rikorrent[19]. Mid-dokumenti kollha mitluba Emanuel Pace ssottometta biss kuntratt relattiv ghall-akkwist tal-fond Nru.12, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara, liema fond gie akkwistat mir-Rikorrent versu l-prezz ta' Lm3,000 (illum ekwivalenti ghal €6,988.12), liema kuntratt kien juri stampa ferm differenti minn dik dikjarata fl-istatement of affairs ta' l-istess Rikorrent.

Minkejja n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parte tar-Rikorrent id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ttenta jasal fi ftehim ma' l-istess Rikorrent u baghat offerta bla pregudizzju permezz ta' ittra datata 1 ta' Frar 2007[20], liema proposta, ghad illi debitament notifikata lir-Rikorrent, baqghet bla risposta da parte tieghu. Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u peress illi r-Rikorrent baqa' ma kkomunikax mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghadda biex jirrifjuta l-oggezzjonijiet tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000 sa' 2004 b'decizjonijiet moghtija fis-16 ta' Awwissu 2007[21] u minflok ikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa[22].

Ir-Rikorrent jikkontesta r-rifjut ta' l-oggezzjoni tieghu da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) id-dhul tieghu huwa dak dikjarat fid-denunzji tat-taxxa sottomessi minnu; (ii) ma kienx possibbli ghalih jottjeni statements mill-bank u/jew ittra li ma ghandux flejjes il-bank ghaliex ghalkemm ipprova jottjeni ittra mighand diversi banek li huwa ma ghandux flejjes depozitati ghandhom, l-istess banek irrifjutaw li johorgu tali ittra; u (iii) ma rrispondiex ghall-proposta maghmula lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni permezz ta' l-ittra datata 1 ta' Frar 2007, ghar-raguni li ladarba jsostni li d-dhul tieghu huwa dak minnu dikjarat fid-denunzji tat-taxxa sottomessi minnu u b'hekk ma jaqbilx ma' l-istimi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ma hassx li seta' jew kellu jilqa' l-proposta hekk maghmula lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

In sostenn ta' dawn l-aggravji r-Rikorrent ressaq bhala xhieda principali – apparte l-fatt li xehed hu stess u ressaq bhala xhud lill-ibnu Jason Ciantar – lil Emanuel Pace, li kien ir-rapprezentant tieghu tul il-kwistjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u lit-tabib kuranti tieghu t-Tabib Dr. Peter Fenech.

Tul il-kors ta' dawn il-proceduri Emanuel Pace sahaq li l-intopp principali mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigward tal-kaz tar-Rikorrent kien il-fatt li l-istess Dipartiment baqa' jinsisti ghal ittra mill-banek li tikkonferma li ir-Rikorrent ma kellux flus depozitati maghhom, liema ittra r-Rikorrent ma setghax jipprovdiha ghaliex il-banek irrifjutaw li johorgu tali tip ta' dikjarazzjoni. Skonthu minkejja l-fatt li r-Rikorrent kien fl-impossibilità li

[19] Dok. "DGTI12" a fol. 185 tal-process.
[20] Dok. "DGTI14" a fol. 187 tal-process.
[21] Dok. "GB12" a fol. 101 sa' 105 tal-process.
[22] Dok. "GB11" a fol. 96 sa' 100 tal-process.

jottjeni tali ittra d-Dipartiment qabad u hareg il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni fil-konfront ta' l-istess Rikorrent. F'tali rigward waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013 huwa xehed illi *ried* [rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni] *jara l-istatements tal-bank l-aktar l-aktar. Ghedtlu lil dan kellimtu u qalli jien l-bank m'ghandi xejn. Mort inkellmu nerga' u dejjem l-istess, irrid l-istatements tal-bank u ried statement mill-bank li dan m'ghandu xejn, u l-bank qallu ahna dan ma naghmluhx, mela dan jista' jigi xi hadd mit-triq u naghmlulu statement li m'ghandhomx kont maghna. Imbaghad fl-ahhar ma stajniex nirrisolvuha din, imbaghad ghedt lil Pawlu u tani l-awtorità u ktibnilhu, biex nghidulu li ghandu l-awtorità biex jinvestiga ghax jekk dan qieghed fuq l-ghajnuna socjali tiffirma dik il-karta fejn taghtih il-power biex jara, plus dan ahna tajnih l-awtorità kollha biex ifittex hu f'isimna, u l-bank qal jekk jitlobni bhal speci d-dipartiment jien forsi naghtihielu imma lilkom le, u bqajna hekk. Imbaghad telaq il-kaz is-Sur Gilbert Balzan u dahal is-Sur Sandro Buttigieg u ergajna bdejna b'din is-saga tal-bank u mhux bank, u x'ser naghtuhom u m'ghandna xejn, ghedtilhom imma dan ma nistax naraw, u talbuni xi proprjetà ghandu u gbartielhom milli stajt, ghedtilhom imma dan x'hemm, ghandkom xi haga, importa xi haga, imbaghad wara hafna taqtiegh il-qalb gie qalli ghax kellu xi karozzi u bieghhom imbaghad kellimt u ikkonsultajt mieghu u qalli x'karozzi, qalli kelli karozza ta' Lm500 zmien Gesu Krsitu, jigifieri jekk tghoddhom kollha ma jigux, the total ma jigix Lm2,000 ta' dak iz-zmien, dawn l-erba' karozzi ghax antikissimi u x'naf jien. Bqajna l-istess u ghedtlu jekk tghidilna x'ghandkom nista' forsi nippruvaw naslu, u wara li domna gejjin u sejrin dan f'daqqa wahda qabad u capcap assessment ta' eluf*[23].

Madanakollu però mill-ittri tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni lir-Rikorrent[24] jirrizulta li r-Rikorrent ma ntalabx biss statements tal-banek u/jew ittra mahruga mill-banek li tikkonferma li ma ghandux kontijiet miftuhin maghhom, izda intalab jipprovdi wkoll rendikont dettaljat tad-dhul u hrug tieghu w il-kotba tan-negozju tieghu u d-dokumenti relatati. Mid-dokumentazzjoni kollha mitluba gew sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni biss *statement of affairs* tar-Rikorrent *as at 12/08/2005* u dokument mahrug mill-ETC dwar ir-*Registration History* tar-Rikorrent mal-Korporazzjoni, minn liema dokumenti il-Kummissarju tat-Taxxi Interni xorta ma kienx sodisfatt li r-Rikorrent effettivament iddikjara d-dhul kollu tieghu ghas-snin bazi 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003.

Ghalhekk il-kwistjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-fatt kienet ben oltre s-semplici statements u/jew ittra tal-banek ghaliex in verità r-Rikorrent kellu jiggustifika certa aspetti ta' dak minnu dikjarat – jew ahjar mhux dikjarat – fid-denunzji tat-taxxa sottomessi minnu, aspetti li fil-fehma tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni baqghu bla spjegazzjoni. Ezempju ta' dan johrog b'mod car mit-*Taxpayer's state of affairs as at 12/08/2005*[25]

[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013, fol. 114 sa' 116 tal-process.
[24] Dok. "GB6" a fol. 64 sa' 70 tal-process.
[25] Dok. "GB8" a fol. 77 sa' 81 tal-process.

sottomess mir-Rikorrent fejn fost affarijiet ohra ddikjara li fl-1996 huwa kien akkwista l-fond Nru.12, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara, versu l-prezz ta' Lm8,000 izda imbaghad mill-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-imsemmija proprjetà, sottomessa lid-Dipartiment mir-Rikorrent stess fuq talba tad-Dipartiment[26], jirrizulta li dan il-fond gie akkwistat fis-sena 2000 versu l-prezz ta' Lm3,000, sitwazzjoni din ferm differenti minn dik dikjarata fl-istatement of affairs.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri r-Rikorrent baqa' ma rnexxilux jattenwa d-dubji li nholqu b'din id-divergenza bejn dak minnu dikjarat fl-istatement of affairs tieghu kif sottomess lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dak li rrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist tal-fond Nru.12, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara. Mhux talli d-dubji ma attenwahomx talli possibilment iktar ziedhom in kwantu mill-kontro-ezami tieghu rrizulta li bhala fatt huwa ma kienx akkwista fond wiehed biss, ossia l-fond Nru.12, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara, izda addirittura xtara fond iehor u cioè l-fond Nru.11, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara[27]. Dan l-ahhar fond gie akkwistat fl-2001 versu l-prezz ta' Lm6,000 (illum ekwivalenti ghal €13,976.24)[28]. B'hekk jirrizulta li bejn is-sena 2000 u s-sena 2001 ir-Rikorrent, persuna li allegatament ma kenitx tahdem – jew kienet taghmel xoghol saltwarju biss – u kienet tghix fuq l-Ghajnuna Socjali, kienet f'posizzjoni li takkwista zewg fondi ghall-valur komplessiv ta' Lm9,000 (illum ekwivalenti ghal €20,964.36).

Biex jiggustifika l-fatt li kien finanzjarjament f'posizzjoni jakkwista zewg fondi versu l-prezz komplessiv ta' Lm9,000 (illum ekwivalenti ghal €20,964.36), ir-Rikorrent esebixxa kopja ta' skrittura privata bejnu u missieru Richard Ciantar, illum mejjet, datata 1 ta' Novembru 2000[29], minn liema jidher li Richard Ciantar kien ta lir-Rikorrent b'titolu ta' donazzjoni s-somma ta' Lm7,000 (illum ekwivalenti ghal €16,305.61) bil-patt li jakkwista l-fond Nru.11, Pompei Street, Birkirkara, u jibqa jiehu hsiebu. Ghalkemm ma' l-ewwel daqqa t'ghajn din l-iskrittura privata tista' tidher li tipprovdi spjegazzjoni dwar kif ir-Rikorrent seta' jakkwista zewg fondi versu l-prezz komplessiv ta' Lm9,000 (illum ekwivalenti ghal €20,964.36), in verità tali spjegazzjoni ma tirrizultax.

Fl-ewwel lok l-iskrittura privata u l-allegata d-donazzjoni fiha stipulata jittrattaw biss dwar il-fond Nru.11, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara, ossia wiehed miz-zewg fondi akkwistati mir-Rikorrent. B'hekk *dato ma non concesso* li r-Rikorrent seta' kien f'posizzjoni jakkwista dan il-fond ghaliex iffinanzjah missieru, jibqa' l-fatt li sena qabel akkwista fond iehor versu l-prezz ta' Lm3,000 (illum ekwivalenti ghal €6,988.12). Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni, in kontro-ezami[30] r-Rikorrent iddikjara li huwa kien issellef il-flus

[26] Dok. "DGTI12" a fol. 185 tal-process.
[27] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, fol. 135 sa' 141 tal-process.
[28] Fol. 150 tal-process.
[29] Fol. 133 tal-process.
[30] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, fol. 135 sa' 141 tal-process.

minghand ir-ragel ta' ohtu, liema flus huwa kien hallashom lura. Apparte l-fatt li r-Rikorrent ma gab l-ebda prova biex jissosstanzja dak minnu affermat dwar dan l-allegat self, xorta jibqa' l-fatt li hu – persuna li tahdem b'mod saltwarju u pratikament jghix fuq l-Ghajnuna Socjali – inspjegabilment irnexxielu jhallas lura din is-somma allegatament mislufa lilu mir-ragel ta' ohtu.

In kwantu rigwarda l-iskrittura privata ta' l-1 ta' Novembru 2000 u l-allegata donazzjoni tas-somma ta' Lm7,000 (illum ekwivalenti ghal €16,305.61) minghand Richard Ciantar, mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[31] jirrizulta li mis-sena 1979, is-sena meta rregistra ghax-xoghol, sa' meta miet fid-29 ta' Dicembru 2001, Richard Ciantar kien hallas biss total ta' Lm39 f'taxxa fuq id-dhul u b'effett mill-1983 'l quddiem, ossia sa' meta miet, qatt ma hallas taxxa, li jfisser ghalhekk li qatt ma kellu dhul li jeccedi 0% *tax bracket*. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi fattwali necessarjament tinsorgi l-mistoqisja ta' kif l-istess Richard Ciantar kellu Lm7,000 (illum ekwivalenti ghal €16,305.61) u per di più kien f'posizzjoni jaghti tali somma b'donazzjoni lir-Rikorrent? Mistoqsija din li baqghet bla risposta jew spjezzjoni plausibbli bil-konsegwenza ghalhekk li nonostante kollox, ir-Rikorrent ma rnexxilux jispjega b'mod sodisfacenti kif f'Marzu tas-sena 2000 u f'Mejju 2001 kien posizzjoni jakkwista zewg fondi ghall-valur komplessiv ta' Lm9,000 (illum ekwivalenti ghal €20,964.36).

Il-fatt li r-Rikorrent baqa' qatt ma ssottometta kotba tan-negozju u dokumenti relatati wassal biex id-Dipartiment tat-Taxxi Interni – u illum it-Tribunal – baqa', fost affarijiet ohra, qatt ma sab l-ebda spjegazzjoni ghac-cheque fl-ammont ta' Lm4,000 (illum ekwivalenti ghal €9,317.49) mahrug minn Alex Cassar a favur ir-Rikorrent fl-1 ta' Frar 1999 u minnu msarraf ftit tal-granet wara[32].

Fl-affidavit tieghu r-Rikorrent jiddikjara li *waqt ix-xhieda ta' l-istess rapprezentant* [ossia George Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni] *issemma wkoll cheque ta' Lm4000. Jiena dan ic-cheque lanqas naf bih u nghid li l-probabilità kienet li mort nigbor xi flus lil missieri u hargu c-cheque fuqi, probabbli dan gara ftit snin qabel ma' miet. Fil-fatt, Alex Cassar li hareg dan ic-cheque lanqas biss naf min hu*[33]. Fir-rigward ta' dan l-istess cheque, in kontro-ezami r-Rikorrent rega' tenna li *nahseb kont mort ghalih jien, iva, imma kien ta' missieri dak ta, ma kienx tieghi*. Mistoqsi *imma min kien sarrfu c-cheque?* ir-Rikorrent wiegeb *ic-cheque kien sar fuqi* u ghall-mistoqsija *u kien f'ismek ic-cheque?* ir-Rikorrent wiegab *iva, ghax mort ghalih jiena* u ghall-mistoqsija ulterjuri *issa dan jidher li ssarraf minnek. Tikkonferma li sarraftu int?* ir-Rikorrent wiegeb *la qieghed fuqi jiena iffirmajtu*[34].

---

[31] Affidavit ta' Michèle Xuereb u Dok. "DGTI15" anness mieghu, fol. 166 sa' 170 u fol. 188 sa' 191 tal-process.
[32] Dok. "GB6a" a fol. 63 tal-process.
[33] Fol. 118 sa' 120 tal-process.
[34] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, fol. 135 sa' 141 tal-process.

Dak affermat mir-Rikorrent però baqa' ma gie korroborat bl-ebda mod ghaliex Alex Cassar baqa' ma giex prodott bhala xhud u ma tressaq l-ebda prova ohra li bhala fatt is-somma ta' Lm4,000 (illum ekwivalenti ghal €9.317.49) li rcieva u sarraf ir-Rikorrent effettivament kienu flus appartenenti lil missieru. In kwantu rigwarda dana Alex Cassar, it-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellu fil-pussess tieghu cheque mahrug f'isem ir-Rikorrent u prova li dan ic-cheque issarraf mill-istess Rikorrent, kien fl-interess u fl-obbligu tar-Rikorrent li jressqu bhala xhud, haga li kif già osservat ma saritx.

In kwantu rigwarda kotba tan-negozju u dokumentazzjoni ohra jigi osservat li ir-Rikorrent ma ssottometta xejn minn dan kollu, la lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u lanqas lit-Tribunal.

In kontro-ezami Emanuel Pace iddikjara li ghan-nom tar-Rikorrent huwa ghadda lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni d-dokumentazzjoni kollha mitluba izda, mill-provi prodotti – inkluz l-istess kontro-ezami ta' Emanuel Pace – dak minnu affermat ma jirrizultax sodisfacentement pruvat u konfermat. Apparte il-fatt li mill-provi dokumentarji sottomessi mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kjarament jirrizulta li r-Rikorrent u/jew Emanuel Pace ghan-nom tieghu ma ssottomettewx id-dokumentazzjoni mitluba, inkluz il-kotba tan-negozju tar-Rikorrent u d-dokumentazzjoni relatata, mistoqsi mit-Tribunal *tiftakar jew ma tiftakarx imma tajthomx?* Emanuel Pace bla ezitazzjoni ta' xejn iddikjara *m'ghandix l-icken idea* u imbaghad ipprova jtaffi is-sitwazzjoni billi afferma *ma niftakarx, però naf li jekk talbuhomli tajthomlom. M'ghandix memorja jien li talbuni xi haga u ma tajthomlhomx, kull ma talbuni tajthom li kelli*[35].

Dejjem fuq il-kwistjoni tad-dokumentazzjoni sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, mistoqsi *u minbarra dan il-kuntratt* [ossia l-kuntratt ta' l-akkwist tal-fond Nru.12, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara] *ma tafx x'dokumentazzjoni ohra dahlu?* Emanuel Pace irrisponda *dawn mhux affarijiet li normalment isaqsuhom. Dan m'ghandux xi business kbir, mhux qed naghmlu bank reconciliation. Dan sole trader zghir hafna li jdawwar forsi 8,000 jew 9,000 kif kien jigi ghandi u jkollu 2,000 u xi haga spejjez u l-licenzja u dak kollox, m'hemmx xi trading accounts jew noqghodu nitolbu l-bank statements u hekk jigifieri lanqas kont naf kellux ktieb tal-bank u meta ghamilt ricerka l-bank ma deherx li kellu kotba tal-bank jigifieri dawn ma jidhlux fl-accounts taghna*[36].

Din l-asserzjoni ta' Emanuel Pace hija kompletament kontradetta minn dak provdut fil-Ligi, senjatament fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 14(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fiz-zmien tal-verifika fir-rigward tar-Rikorrent u anke fl-

[35] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2014, fol. 155 sa' 163 tal-process.
[36] *Ibid.*

istadju ta' l-oggezzjoni, jipprovdi li *sabiex jikseb informazzjoni sewwa dwar l-income ta' xi persuna, il-Kummissarju jista', minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att jew l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jaghti avviz lil dik il-persuna fejn jehtieg minn ghandha li, fi zmien xieraq, tlesti u tikkunsinna lill-Kummissarju xi prospett specifikat f'dak l-avviz u/jew sabiex tmur hi stess jew billi tibghat lil haddiehor minflokha quddiemu u turih, ghall-ezami, il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti (inkluzi dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank) illi l-Kummissarju jidhirlu mehtiega.*

Minn dan l-artikolu tal-Ligi jirrizulta b'mod car li l-Legislatur ta s-setgha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jitlob minghand kull persuna, **minghajr distinzjoni**, kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti **inkluzi dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank**, li jqis mehtiega sabiex jivverifika d-dhul ta' dik l-istess persuna, u dik il-persuna hija kjarament fl-obbligu li tipprovdi tali dokumentazzjoni hekk rikjesta. B'hekk il-fatt li r-Rikorrent seta' kellu negozju zghir u addirritura saltwarju ma jfissirx li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellux jew ma setghax jinsisti ghad-dokumentazzjoni minnu mitluba, inkluz dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank.

B'zieda ma dan issir referenza ghall-Artikolu 19 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi: *(1) kull persuna li jkollha sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni ghandha zzomm records xierqa u sufficjenti ta' l-income u spejjez taghha sabiex l-income u t-tnaqqis permess taghha jkunu jistghu jigu accertati malajr. (2) Ir-records imsemmija fis-subartikolu (1) ghandhom jinkludu: (a) kontijiet xierqa dwar – (i) is-somma ta' flus kollha ricevuti jew minfuqa u l-hwejjeg li dwarhom ikunu saru r-ricevuti jew l-infiq, u (ii) kull bejgh, xiri jew servizzi moghtija, kif ukoll kull transazzjoni, att jew operazzjoni ohra li ghandhom x'jaqsmu mas-sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni; (b) kont ta' profitt u tlef jew dikjarazzjoni annwali ekwivalenti; (c) dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv kif kienu fid-data li fiha l-kontijiet annwali tas-sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu maghluqa jew, fil-kaz ta' kumpannija, balance sheet. (3) Bla hsara ghal dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi, il-Kummissarju jista' jezenta lil kull persuna dwar kull sena ta' stima milli zzomm xi record jew dikjarazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (2). ... (5) Ir-records kollha mehtiega li jinzammu skont xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom jigu konservati ghal zmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jkunu tlestew it-transazzjonijiet, l-atti jew l-operazzjonijiet li ghalihom jirreferixxu: Izda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx meta jkun inghata effett lid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26, tal-artikolu 163(5) jew ta' l-artikolu 324(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.*

Minn dan l-Artikolu tal-Ligi johrog b'mod car li sakemm ma jkunx hemm esenzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar ir-records dwar sena ta' stima partikolari, kull persuna li jkollha sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni, **irrispettivament mill-kobor o meno ta' l-istess**, ghandha zzomm, u dana ghal perijodu ta' mhux inqas minn disa' snin, records

xierqa u sufficjenti ta' l-income u spejjez taghha sabiex l-income u t-tnaqqis permess taghha jkunu jistghu jigu accertati malajr.

B'hekk jirrizulta evidenti li r-Rikorrent u Emanuel Pace ma kienux gustifikati u ma kellhom l-ebda raguni valida ghalfejn ma jipprovdux lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mqar bil-kotba tan-negozju tar-Rikorrent u dokumenti relatati sabiex ikun jista' jigi verifikat id-dhul tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004.

Dwar id-dikjarazzjoni tal-banek dwar jekk ir-Rikorrent kellux kontijiet miftuhin maghhom, it-Tribunal josserva li mix-xhieda ta' Emanuel Pace, senjatament mix-xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2014[37] fejn iddikjara *dan sole trader zghir hafna li jdawwar forsi 8,000 jew 9,000 kif kien jigi ghandi u jkollu 2,000 u xi haga spejjez u l-licenzja u dak kollox, m'hemmx xi trading accounts jew noqghodu nitolbu l-bank statements u hekk jigifieri lanqas kont naf kellux ktieb tal-bank u meta ghamilt ricerka l-bank ma deherx li kellu kotba tal-bank jigifieri dawn ma jidhlux fl-accounts taghna*, jirrizulta li l-banek lilu tawh risposta dwar tali kwezit u ghalhekk ma jistax jifhem kif l-istess banek allegatament irrifjutaw li jaghtu tali informazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li fl-ahhar mill-ahhar kien qed jinvestiga lir-Rikorrent dwar id-dhul tieghu ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004. Ta' min josserva wkoll li din hija mera allegazzjoni da parte tar-Rikorrent u Emanuel Pace u dana billi ma tressaq l-ebda rapprezentant ta' bank jew banek li kienu joperaw f'Malta fiz-zmien tal-verifika fil-konfront tar-Rikorrent, biex jikkonfermaw li dak appuntu allegat mir-Rikorrent u minn Emanuel Pace kien effettivament minnu.

Fl-affidavit tieghu r-Rikorrent iddikjara li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni *kemm-il darba kienu jibghatu ghalija, imbaghad jghiduli biex ma mmurx u ftit wara jergghu jibaghtu ghalija. Qatt ma stajt insib tarf ta' x'kien qed jigri*[38] u in kontro-ezami rega' tenna li *kienu jibaghtu ghalija, imbaghad kien jerga' jibdielhom, kienu jghiduli tigix u bqajna ghaddejjin b'hafna zmien ... kienu jibghatulna karta biex nergghu ngeddu*[39]. F'dan il-kaz ukoll però ir-Rikorrent naqas milli jikkorobora dak minnu allegat. Mhux talli l-allegazzjoni avvanzata mir-Rikorrent fir-rigward tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma gietx korroborata talli r-rapprezentant tar-Rikorrent stess Emanuel Pace ikkontradixxa dak minnu allegat. In effetti in kontro-ezami ghall-mistoqsija *tiftakar jekk kienu jibaghtu ghall-appellant u ghalik imbaghad kienu jghidulkom biex ma tmorrux?* irrisponda *jiena niftakar li konna up to date jigifieri meta morna, issa jekk xi darba biddlulna d-data, jista' jissuccedi* u ghall-mistoqsija ulterjuri *imma kienet issir regolari li kienu jbiddlulkom id-*

[37] Fol. 155 sa' 163 tal-process.
[38] Affidavit tar-Rikorrent a fol. 119 u 120 tal-process.
[39] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, fol. 135 sa' 141 tal-process.

*data?* irrisponda *le, jien dejjem mort kellimthom lil dawn in-nies fejn stajt ghax ridt naqtaghha din il-bicca tax-xoghol ghax ilha tkarkar*[40].

Kwistjoni ohra li fil-fehma tat-Tribunal ma gietx sodiafacentement ippruvata mir-Rikorrent – u dan ghall-fini li jipprova b'mod sodisfacenti li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 huma eccessivi – hija dik rigwardanti x-xoghol u l-kapacità lavorattiva tieghu.

Ir-Rikorrent jishaq li minhabba ragunijiet ta' sahha u diversi problemi medici li ghandu, fiz-zminijiet in kwistjoni huwa kien jahdem b'mod saltwarju u li d-dhul tieghu kien jikkonsisti principalment mill-Ghajnuna Socjali. In sostenn ta' dan huwa ressaq bhala xhieda lill-ibnu Jason Ciantar u lit-tabib kuranti tieghu it-Tabib Dr. Peter Fenech.

Ghalkemm in ezami Jason Ciantar iddikjara li r-Rikorrent kien jahdem b'mod saltwarju minhabba problemi ta' sahha u li *llum ghandu hafna problemi jigifieri qas johrog mid-dar, ghandu hafna affarijiet, zokkor, qalb per ezempju, ghandu hafna affarijiet. Baqa' aktar jiggrava* u ghall-mistoqsija *dak iz-zmien però fl-2000 kien digà kellu minn dawn it-tip ta' problemi?* irrisponda *Iva*, mill-kontro-ezami tieghu jirrizulta li ma huwiex daqstant car f'mohhu dwar l-entità tal-problemi ta' sahha ta' missieru u dwar kemm tul ta' zmien effettivament kien jahdem. In effetti mistoqsi *bejn l-1999 u l-2003 tiftakar bejn wiehed u iehor x'tip ta' xoghol kien jaghmel, kemm regolari jew le?* huwa rrisponda *hu fil-gebel dejjem kien jahdem.* Mistoqsi ulterjorment *imma kien jahdem kif?* Ciantar irrisponda *kien jahdem naqra u jieqaf, naqra u jieqaf, ghax dejjem kien ikollu l-problemi* u mill-gdid mistoqsi *naqra kemm imma kien jahdem? Guranata, xahar ...?* Ciantar semplicement irrisponda *ifhimni, jien tnax-il sena kelli ma niftakarx sewwa. Imma bhala zminijiet ftit niftakru li jahdem. ... Bhala zmien ftit dejjem niftakru li jahdem. Ma nafx bl-ezatt jekk mhux erbgha u hamest ijiem. Qed nitkellmu, l-ewwel nies kelli tnax-il sena jien.* Mistoqsi dwar il-problemi ta' sahha ta' missieru Jason Ciantar iddikjara *ifhimni jien dejjem niftakar li dejjem kien hemm il-problemi qed tifhimni. Daharu imbaghad baqa' aktar dejjem jiggrava. ... Li qed nghid tad-dahar il-problemi li kellu, ifhimni zokkor nahseb dejjem kellu ghax ma jaqbadx u johrog cum bum, qed tifhimni. Minn dejjem kellu problemi* u ghall-mistoqsijiet iktar specifici *kemm ilu johodha l-insulina?* u *dak iz-zmien kien johodha?* Ciantar irrisponda *ma ghandix idea* u *ma ghandix idea lanqas.* Mistoqsi wkoll *u l-problemi tal-qalb, xi problemi huma?* irrisponda *ma nafx lanqas*[41].

Johrog car ghalhekk li ghalkemm Jason Ciantar b'mod generali ddikjara li minhabba l-problemi ta' sahha missieru kien jahdem b'mod saltwarju, meta mistoqsi f'iktar dettal u dwar dettalji iktar fini fir-rigward ta' tali dikjarazzjoni

[40] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2014, fol. 155 sa' 163 tal-process.
[41] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju 2013

tieghu huwa ma kienx kapaci jirrispondi w in gustifikazzjoni ta' dan hareg bl-iskuza, fic-cirksotanzi ghall-kollox dghajfa, li fiz-zmien in kwistjoni kellu biss tnax-il sena.

Fir-rigward tal-problemi f'daharu u kondizzjonijiet medici ohra r-Rikorrent ressaq bhala xhud lit-tabib kuranti tieghu t-Tabib Dr. Peter Fenech li wara li spjega l-problemi li ghandu r-Rikorrent u esebixxa certifika fir-rigward[42], iddikjara *ilu mhux kapaci jahdem mis-sena 1992 ha nghidu hekk jigifieri jekk jahdem ghal ftit zmien u jieqaf*. Minkejja dak affermat mit-Tabib Fenech minn provi ohra prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Joseph Saliba, rapprezentant ta' l-Employment and Training Corporation, u d-dokumenti esebiti minnu, jirrizulta li wara l-1992 ir-Rikorrent kien u effettivament baqa' jahdem.

Mid-dokument Dok. "JS1" a fol. 195 sa' 198 tal-process esebit minn Joseph Saliba waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014 jirrizulta li bejn l-1994 u s-sena 2002 ir-Rikorrent ghamel diversi perijodi, uhud minnhom anke ta' xhur, registrat mal-Korporazzjoni bhala li qed jahdem fuq bazi full-time. Mid-dokument Dok. "JS3" a fol. 203 sa' 204 tal-process esebit minn Joseph Saliba waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2014 jirrizulta li tul dan il-perijodu r-Rikorrent irregistra mal-Korporazzjoni li kien qed jahdem bhala *self-employed full time Burdnar* bejn s-26 ta' Lulju 1994 u l-1 ta' Settembru 1994, bhala *self-employed full time Driver* bejn it-2 ta' Settembru 1994 u id-29 ta' Awwissu 1995, bhala *employed full time Mason* bejn it-30 ta' Ottubru 1995 u is-7 ta' Mejju 1997, bhala *self-employed full time Mason* bejn il-21 ta' Awwissu 2000 u l-5 ta' Ottubru 2000, bhala *self-employed full time Mason* bejn id-9 ta' Jannar 2001 u l-15 ta' Jannar 2001, bhala *self-employed full time Mason* bejn l-14 ta' Mejju 2001 u t-3 ta' Lulju 2011 u bhala *self-employed full time Mason* bejn l-1 ta' Frar 2002 u t-18 ta' Frar 2002, kwindi altru milli r-Rikorrent ma kienx tajjeb ghax-xoghol sa' mis-sena 1992.

Mid-dokument Dok. "JS4" a fol. 205 tal-process esebit minn Joseph Saliba waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2014 jirrizulta li mal-Korporazzjoni r-Rikorrent irregistra s-segwenti bhala l-preferenzi ta' xoghol tieghu – *builders, bennej, caster, concrete products* – ilkoll xoghlijiet li ma jikkombacawx ma' l-affermazzjoni tat-Tabib Fenech li r-Rikorrent ma kienx tajjeb ghax-xoghol – hlief forsi *light work* – sa' mill-1992.

Apparte mill-fatt li dak li rrizulta mix-xhieda ta' Joseph Saliba u d-dokumenti esebiti minnu juri bic-car li ma huwiex minnu li r-Rikorrent ma kienx tajjeb ghax-xoghol sa' mill-1992, din l-istess xhieda u dokumenti juru bic-car li kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent id-dhul tieghu ma kienx unikament mill-Ghajnuna Socjali. In effetti oltre dak già osservat jigi ulterjorment osservat li mix-xhieda ta' Joseph Saliba moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2014 u mid-dokument Dok. "JS2" esebit minnu waqt l-

[42] Dok. "PF" a fol. 130A tal-process.

imsemmija seduta jirrizulta li tul il-perijodu meta r-Rikorrent kien qed jirregistra ma' l-Employment and Training Corporation huwa gie sospiz mir-registru ben erba' darbiet, b'darba minnhom – senjatament fit-13 ta' Novembru 2002 – gie hekk sospiz ghaliex l-Ispetturi tal-Korporazzjoni qabduh jahdem waqt li kien qed jirregistra.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk it-Tribunal difficilment jista' jemmen li tul is-snin meritu ta' dawn il-proceduri l-uniku dhul li kellu r-Rikorrent kien dak derivanti lilu mill-Ghajnuna Socjali.

Fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kjarament hareg *ex officio assessments* fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u Michèle Xuereb, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) già Kummissarju tat-Taxxi Interni, spjegat illi *wara li baqghet ma ingabet l-ebda dokumentazzjoni hlief statement of affairs li kif gie spjegat ma jirriflettix b'mod korrett l-assi ta' l-appellant, id-Direttur Generali ibbaza l-istimi tieghu fuq il-premessa li cekk ta' Lm4,000* – ossia c-cheque mahrug minn Alex Cassar f'isem ir-Rikorrent u minnu msarraf – *aktarx kien thallas ghal xoghol ta' xi erba' xhur u din il-kalkulazzjoni traduciet ruhha fi Lm12,000 fis-sena u li minnhom tnaqqsu stima ta' xi spejjez relatati li seta' kellu Ciantar ta' Lm2,000*[43].

Ai termini tal-Ligi senjatament ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, l-oneru tal-prova li l-istima kontestata hija eccessiva jinkombi fuq l-appellant, ossia t-*taxpayer*. Madanakollu però meta l-istima kontestata hija stima mahruga *ex officio* jista' jkun hemm l-ispotament tal-piz tal-prova minn fuq it-*taxpayer* ghal fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta t-*taxpayer* jirnexxielu jadduci elementi sufficjenti ta' prova *prima facie* li l-istima/stimi hekk mahruga fil-konfront tieghu ma humiex ragonevoli.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Mejju 2008[44] fejn gie trattat il-punt fihom sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri l-oneru tal-prova li l-istima hija eccessiva kien jinkombi fuq it-*taxpayer*, li kellu wkoll jipprova, bi provi attendibbli u serji, l-akkrexximent fil-kapital tieghu. Fir-rigward ta' tali kwistjoni l-Qorti ta' l-Appell osservat illi *apprezzevolment, l-aggravju dedott huwa wiehed ta' interess u ta' importanza qawwija in kwantu jirriverti fuq il-piz tal-provi, u l-aktar, jekk fil-kors tal-kontroversji kontenzjuzi fiskali ghandux dan l-istess piz joxxilla minn parti ghall-ohra, kif hekk inhu l-kaz fi procedimenti civili. Jibda biex jigi registrat bi principju generali tad-dritt processwali civili illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq dak fost il-kontendenti li jallega fatt migjub 'il quddiem b' fondament tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. Proprju, fid-distribuzzjoni tal-piz tal-prova tali jsib espressjoni fir-regoli*

[43] Affidavit ta' Michèle Xuereb in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 166 sa' 170 tal-process.
[44] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 6 pg. 268, Kawza Nru. 229.

*tradizzjonali onus probandi incumbit ei qui dicit u reus excipiendo fit actor. Fil-kaz ta' l-ewwel hu doveruz, b' esigenza logika hafna, illi l-attur li jazzjona hu karikat bil-piz li jipprova l-bazi tad-dritt azzjonat. Fil-kaz tat-tieni, il-konvenut hu mghobbi bl-oneru li jipprova l-eccezzjoni kontrapposta ghall-pretiza ta' l-attur avversarju. B' illustrazzjoni, wiehed jista' jirreferi ghal kaz fejn sid ta' fond mikri jallega destinazzjoni partikolari ta' fond mentri l-kerrej tieghu jallega skop u uzu xort' ohra. F' kaz bhal dan, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, l-inkwilin allega fatt pozittiv kuntrarju ghall-uzu effettiv tal-fond u, allura, "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offert u dan ghandu jigi provat minnu" ("Francesca Mallia –vs- Salvatore Guillaumier", 12 ta' Jannar, 1962). Premess dan il-kapitolu introduttiv, fil-kontroversji fiskali r-regim tal-provi processwali hu artikolat u regolat fid-dispost ta' l-Artikolu 35 (3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372). Dan jghabbi fuq spallejn it-taxpayer "il-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva". Ragonevolment, il-kwalifikazzjoni li taghmel il-ligi tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "piz" necessarjament timporta illi t-taxpayer li jonqos milli jiddizempenja ruhu jitqieghed fi zvantagg billi l-qaghda tithalla fi stat ta' incertezza. Jista' minn naha l-ohra jigri illi fil-kors tal-proceduri t-taxpayer jirnexxielu, b' dimostrazzjoni ta' certu fatt jew fonti ta' prova, jissupera dan il-piz inkombenti, anke jekk sommarjament, billi jadduci elementi sufficjenti ta' prova prima facie. Dan, almenu, nirriskontrawh fi proceduri ta' indoli civili in kwantu hu dottrinalment accettat illi "in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a 'prima facie' case". (Phipson "On Evidence", Ed. Sweet & Maxwell, 1970, para. 103). Linejarment ma' dan il-hsieb hi, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Zammit -vs- Joseph Hili", Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953, fejn fiha gie rikonoxxut illi, una volta s-sid-attur ikun ghamel il-prova tad-detenzjoni prekarja tal-fond mill-konvenut, l-oneru tal-prova jigi spustat ("shifted") fuq il-konvenut "ghax jista' jkun stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta". Tinsorgi hawn id-domanda jekk dan l-ispostament tal-piz tal-prova huwiex hekk possibbli w accettabbli fil-kors ta' l-attivita` gudizzjali fi kwestjonijiet fiskali. Minn dak ricerkat jidher li t-twegiba hi fil-posittiv. F' decizjoni tal-Judicial Committee tal-Privy Council moghtija fit-8 ta' Frar, 1971 (per Lord Donovan) fil-kaz "The Argosy Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue", trattasi ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Guyana – ara riproduzzjoni ta' siltiet importanti minnha fil-harga tal-gurnal "Times of Malta", Monday, 12$^{th}$ April, 1971 – intqal dan:- "From the express terms of Section 48 (4) (Income Tax Ordinance tal-Guyana) before the Commissioner can make an assessment to the best of his judgement, he must first form an opinion that the person is liable to pay tax. This must mean a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form. The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the onus was on the*

*Company to prove that the assessment was excessive". Aktar fundamentali ghall-fattispeci hi din is-silta li ssegwi: "Admittedly the onus of proving that the condition precedent to making an assessment did not exist lay in the first instance on the Company, but in Civil Proceedings the onus shifts from time to time according to the state of the evidence. Here, to put the matter at its lowest, a strong "prima facie" case had been made out that the Commissioner had formed an opinion on liability which no reasonable person could hold. It was then for him, if he could, to show the contrary and he made no attempt to do so".*

Meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-principji guridici, partikolarment il-principju li meta t-*taxpayer* jirnexxielu jadduci elementi sufficjenti ta' prova prima facie li l-istima/stimi hekk mahruga fil-konfront tieghu ma humiex ragonevoli l-oneru tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jirrizulta bl-iktar mod car u ampju li r-Rikorrent ma rnexxilux jadduci elementi sufficjenti ta' prova *prima facie* li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2003 kienu irragonevoli.

Ghalkemm irrizulta li r-Rikorrent jircievi Ghajnuna Socjali, l-istess Rikorrent ma gab l-ebda prova li turi b'mod sodisfacenti, imqar sal-grad ta' *prima facie*, li fis-snin bazi 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003 huwa ma kellux dhul taxxabbli iehor oltre l-Ghajnuna Socjali. Strettament it-Tribunal jista' jieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tieghu peress illi r-Rikorrent ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqu u b'hekk jisposta l-piz tal-prova ghal fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda, izid jghid li filwaqt li r-Rikorrent ma irnexxilux jilhaq il-grad ta' prova minnu rikjest f'dan il-kaz, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rnexxielu jistablixxi b'mod sodisfacenti li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 huma ragonevoli u gusti.

Huwa evidenti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni bbaza l-istimi tieghu fuq dak li rrizultalu fil-konfront tar-Rikorrent waqt l-istadju ta' verifika w in segwitu waqt l-istadju ta' l-oggezzjoni u b'mod partikolari fuq ic-cheque ta' Lm4,000 mahrug f'isem ir-Rikorrent u minnu msarraf, *statement of affairs* li ma jirriflettix b'mod korrett l-assi tar-Rikorrent, nuqqas ta' spjegazzjoni adegwata ta' kif ir-Rikorrent kellu l-flus biex jakkwista zewg proprjetajiet immobbli f'ismu u n-nuqqas assolut ta' dokumentazzjoni in bazi ghal liema seta' jigi ivverifikat id-dhul tar-Rikorrent ghas-snin bazi 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-Kummissarju wasal ghall-konkluzzjoni li r-Rikorrent kellu dhul taxxabbli ta' Lm10,000 [illum ekwivalenti ghal €23,293.73] (ossia dhul ta' Lm12,000 li minnhom tnaqqsu Lm2,000 bhala spejjez) ghal kull wahda mis-snin in kwistjoni.

Ghalkemm ir-Rikorrent jattakka din il-konkluzzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jistaqsi kif qatt seta' l-istess Kummissarju jikkonkludi li tul is-snin in kwistjoni huwa kellu dhul ta' ben Lm12,000 fis-sena u li c-cheque ta'

Lm4,000 mahrug minn Alex Cassar kien jirrapprezenta hlas ghal erba' xhur xoghol, jigi osservat li Emanuel Pace, il-persuna li kienet tiehu hsieb il-kwistjonijiet ta' taxxa tar-Rikor`rent u li kienet timlilu kemm id-denunzji tat-taxxa fuq l-income u d-denunzji tat-taxxa fuq il-valur mizjud, pratikament jikkonferma l-konkluzzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. In effetti fix-xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2014[45], Emanuel Pace iddikjara li *dan sole trader zghir hafna li jdawwar forsi 8,000 jew 9,000 kif kien jigi ghandi u jkollu 2,000 u xi haga spejjez u l-licenzja u dak kollox…*

Peress illi r-Rikorrent baqa' qatt ma pprezenta dokumentazzjoni relattiva ghax-xoghol li huwa kien jaghmel, saltwarju o meno, it-Tribunal ma huwiex f'posizzjoni jivverifika jekk id-dhul tieghu kienx ta' Lm8,000/Lm9,000 (illum ekwivalenti ghal €18,634.98/€20,964.36) f'sena kif affermat minn Emanuel Pace jew ta' Lm12,000 (illum ekwivalenti ghal €23,293.73) f'sena kif konkluz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ladarba kien fl-obbligu u fl-interess tar-Rikorrent li jressaq tali prova, in-nuqqas ta' l-istess iwassal biex it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghalfejn ghandu jvarja l-konkluzzjoni raggunta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 huwa ghal kollox ingustifikat u ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003 u 2004 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

Ai termini ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-prezenti ir-Rikorrent qed jigi infurmat bid-dritt tieghu li jappella minn din id-decizjoni ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[45] Fol. 155 sa' 163 tal-process.